**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Anthony Abdilla**

**Illum, 16 ta’ Dicembru 2024**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Anthony Abidilla bin-numru tal-karta ta’ l-identita’ 140246M li joqghod 126 Casa Velton Dawret Hal-Ghaxaq, Hal-Ghaxaq**

**Akkuzat** talli nhar it-18/01/2020 u fil-granet ta’ qabel gewwa Triq il-Bizzilla, Hal-Ghaxaq:

1. Minghajr il-hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita dritt li tippretendi li ghandek, gieghelt bl-awtorita tieghek innifsek lil xi hadd jhallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkilt lil Noel Fenech fil-pussess ta' hwejjgu b'xi mod iehor kontra l-ligi jew indhalt fi hwejjeg ta' haddiehor.

Il-Qorti giet mitluba biex, f'kaz ta' htija, tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9 sabiex tassigura li l-persuna li batiet l-ispoll titqieghed ghal kollox fl-istat ta' qabel ma batiet l-ispoll u timla t-toqba fil-parti tal-hajt.[1]

Rat l-atti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u d-dokumenti kollha prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**
**Il-Fatti fil-Qosor.**

Din il-vertenza tirrigwarda toqba li allegatament saret fit-3 ta' Jannar 2020 kif ukoll fil-granet ta' wara fi Triq il-Bizzilla, Hal-Ghaxaq, sakemm fit-18 ta' Jannar tal-istess sena Noel Fenech iddecieda li jaghmel rapport formali lill-pulizija. Dan ir-rapport kien imbaghad segwit minn kwerela. Meta l-imputat baghtu ghalih il-pulizija, huwa

[1] Folio 1 tal-process.

ghazel li jwiegeb ghad-domandi taghhom u bl-ebda mod ma cahad dak attribwit lilu pero’ sostna li l-hajt huwa tieghu.

**Ikkunsidrat:**

**Provi:**

Xehed **PC 1184 Garison Bonnici** fejn qal li fit-18 ta’ Jannar 2020 l-l-pulizija irceviet telefonata li xi hadd kien taqqab xi toqba mal-hajt tal-appartament tieghu. Hu mar fuq il-post ma’ PC 206, ossija 2, Spring House, Triq il-Bizzilla, Ghaxaq, fejn certu Noel Fenech K.I. 17383M stqarr maghhom li fit- 3 ta’ Jannar 2020 ghal habta tas-16 hrs u beda jahdem fuq il-post u innota li kien hemm toqba mal-hajt tal-kcina. Meta ra hekk dahhal bicca hadida biex jara jekk tinfidx minn naha ghall-ohra u kienet tinfed.

Jispjega li l-kwerelant qalilhom li dahhal bicca kartuna biex jara jekk ghamilx zball pero’ beda jsib il-kartuna mwaqqa mal-art. **Fit-18 ta’ Jannar 2020 l-kwerelant ddecida li jaghmel bolt halli imbaghad wara jkun jista’ jkahhlu pero’ x’hin rega’ mar fejn it-toqba dak in-nhar stess ghal-habta ta’ 14.30 hrs nduna li dan il-bolt kien qieghed ma’ l-art**.[2]

Xehed **PC 206 M. Barbara** li kkonferma d-dikjarazzjoni maghmula mill-kollega PC 1184 u zied jghid li qallu **li kien ta’ magenbu li ghamel din it-toqba**[3]. Ix-xhud kellem lill-Anthony Abdilla fejn stqarr is-segwenti:

*‘Hemmek fejn taqab huwa l-propjeta’ tieghu w kien qallu biex jieqaf milli jkompli jibni dak il-hajt pero’ ma semax minnu w dan baqa’*

[2] Folio 2 tal-process. Emfasi tal-Qorti.

[3] Folio 3 tal-process. Emfasi tal-Qorti.

*jkompli jibni. Meta Anthony affacja lilu rigward dan il-hajt huwa qallu biex jieqaf fejn qallu hekk: 'Inti ghamel li trid u jiena naghmel li rrid'*[4]

Jidher li sussegwentement intbaghtet kwerela mill-avukat tal-kwerelant li qieghda fl-atti u allura l-pulizija baghtu ghas-Sur Abdilla fis-6 ta' Marzu 2020 u wissewh skond il-ligi.[5] Skond ix-xhud xtaq izid mal-verzjoni tieghu u kompla jghid:

*'Li l-hajt huwa tieghu u kien anki infurmah il-perit. Noel kien anki tefa' il-flus il-Qorti u ma kienx accetahom. Anthony kompla jghid li l-hajt biex ma jmissux ghax huwa propjeta' tieghu. Il-kwerelant dejjem jghidlu biex ihallieh u kien jghidlu jekk irid itellghu l-Qorti.'*[6]

Xehed il-parte civile **Noel Fenech** waqt is-seduta tat-12 ta' Mejju 2023 fejn jghid li huwa u l-imputat huma girien u l-hajt tieghu jaghmel mal-hajt tad-dar tieghu. Jghid li l-hsara bdiet fit-3 ta' Jannar 2020 u ghamel ir-rapport fit-18 ta' Jannar 2020 u il-hsara kompliet ghaddejja wara sat-22 ta' Marzu 2020. Jispjega li fit-3 ta' Jannar 2020 mar gol-appartament li kien qed ilesti u innota toqba gol-hajt tal-kcina. Skond hu din it-toqba ghamilha xi hadd li joqghod fid-dar l-ohra. Jew Anthony Abdilla jew xi hadd mill-familja tieghu. Qal li t-toqba ghall-ewwel haseb li ma saritx b'intenzjoni u saret bi zball. Qal li ghall-ewwel ghalaq it-toqba b'kartuna u l-ghada fil-ghodu dejjem jerga' isibha miftuha. ***Baqa' jigri hekk sat-18 ta' Jannar u anki wara sat-22 ta' Marzu***. Jghid li beda jimla t-toqba bir-ramel u s-siment pero' xorta beda jsib it-toqba miftuha imbaghad ghamel rollbolt u xorta sabu

[4] JIdher li il-pulizija sa dan l-istadju ma tatu l-ebda twissija li kellu d-dritt li jibqa' sieket u li kellu d-dritt li jkellem avukat jew prokuratur legali ta' fidicja tieghu qabel jirrispondi ghad-domandi jew jaghti il-verzjoni tieghu.

[5] Ara Dok JC3.

[6] Folio.5 tal-process.

maqlugh.  Jghid li biex inqala' xi hadd sammru. Jghid li ha ir-ritratti ta' dak li gara u anki prezenta kwerela lill-pulizija. Jghid li l-imputat min meta beda jibdni beda jintimidah, u jipprova ibezzghu u jfixklu milli jahdem.

Kontro-ezaminat jikkonferma li ghamel kemm il-kartun, kesa u l-bolt kuljum u wara kien isib it-toqba miftuha. Hu jikkonferma li l-ewwel darba li sabha kien fit-3 ta' Jannar 2020.

Xehed **Jonathan Zammit** fit-12 ta' Mejju 2023 fejn jghid li huwa tile layer u jghid li gie imqabbad mill-kwerelant biex jaghmillu xi xoghol fl-appartament tieghu.  Jghid li x-xoghol kein fit-3 ta' Jannar 2020.  Jghid li kien dak in-nhar li sab l-imsemmija toqba fil-kcina. Jghid li kienet tidher li t-toqba saret minn barra ghal gol-appartament. Hu innota it-trab fuq in-naha ta' Noel u allura bil-fors li kienet saret minn naha l-ohra. Jikkonferma li din it-toqba inghalqet diversi drabi u wara xi hadd jerga' jiftahha. Din it-toqba kienet tinghalaq b'xi kartun u imbaghad bil-gibs u wara jmorru l-gurnata ta' wara u jerghu isibuha miftuha.

**Ikkunsidrat:**

F'dan l-isfond l-ewwel linja ta' difiza tal-imputat hija li l-akkuza ma gietx ippruvata ladarba ma giex ippruvat li l-allegat fatt sar fil-perjodu indikat fic-citazzjoni, u cioe li sehh fit-18 ta' Jannar 2020 u fil-granet ta' qabel.  Id-difiza tikkontendi li l-akkuza kellha taqra fit-3 ta' Jannar u fil-granet ta' wara.  Minghajr dubbju l-att ta' ragion fattasi jrid jinkwadra b'mod preciz jew li sar fit-18 ta' Jannar 2020 jew xi gimgha qabel din id-data kif inghad fis-sentenza **Il-Pulizija v Carmel Polidano** tal-Qorti tal-Appell Kriminali (App. Nru.  312/13DS) per Onorevoli Imhallef

David Scicluna[7]. Allura dak li l-prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli hu jekk ir-reat *de quo* sarx f'dik id-data jew fil-gimgha ta' qabel dik id-data preciza li giet indikata fl-avviz tad-dehra jew l-*avviso di comparire*.[8]

Illi huwa vera ukoll li l-iskop tal-avviz ta' dehra huwa li wiehed ikun jaf biex inhu akkuzat u li jkollu b'hekk opportunita' li jhejji d-difiza xierqa meta jkun imsejjah biex jidher quddiem il-Qorti. Fil-fatt fil-kawza **Il-Pulizija vs Ganni Deguara** (App. Nru. 83/2013) deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Lawrence Quintano intqal is-segwenti:

'***Ghalhekk, jekk 'il-fatt ta' l-akkuza' ikun gew redatti b'tali mod li l-imputat ma jkunx jaf biex qed jigi verament akkuzat, sia ghal dawk li huma fatti u sia ghal dik il-ligi, huwa jista' jew igib din il-lanjanza a konjizzjoni tal-qorti sabiex il-qorti tordna lill-prosekuzzjoni tkun aktar cara jew, wara li il-Prosekuzzjoni tkun ghalqet il-kaz taghha- u allura l-imputat ikun certament jaf x'inhuma l-fatti li jkun qed jigu imputati- jitlob differiment biex ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu***.'[9]

Allura l-ewwel u qabel kollox din il-Qorti trid tara jekk dan l-argument migjub mid-difiza ghandux mis-sewwa. Issa huwa vera li t-toqba l-ewwel li giet innutata kienet fit-3 ta' Jannar 2020, izda l-kwerelant kien

---

[7] Ara ukoll Il-**Pulizija vs Carmel Polidano** (App. Nru. 338/13DS) per Onor. Imhallef David Scicluna deciz fid-9 ta' Novembru 2017 kif ukoll **Il-Pulizija vs Saviour Sultana et** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-14 ta' Lulju 2023 per Magistrat Dottoressa Donatella Frendo Dimech.

[8] Ara ukoll il-**Pulizija vs Katerina D' Amato** et. (App. Nru. 123/2008) deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef David Scicluna fil-5 ta' Novembru 2008 kif ukoll **Il-Pulizija vs Luciano Mirabitur** (App. Nru. 229/2018) mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera fis-16 ta' Mejju 2019.

[9] Pagna 5.

kategoriku meta iddikjara li huwa beda jimla t-toqba kuljum u l-ghada isibha miftuha u dan l-att seta' jsir biss minn xi hadd li kellu access ghan-naha l-ohra tal-binja. Il-kwerelant u x-xhud tieghu Jonathan Zammit kienu kategorici li t-toqba saret fit-3 ta' Jannar 2020 u meta imlewha kull darba bdew isibuha miftuha l-ghada u dan baqa' jsehh mhux biss sat-18 ta' Jannar 2020 imma addirittura wara ukoll. Ix-xhieda taghhom hija konsistenti u ma ingabitx prova kuntrarja mid-difiza u ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex dubbju li dak dikjarat mill-kwerelant ghandu mis-sewwa u ghandu jigi emmnut.

**Ghaldaqstant, il-Qorti mill-assjem tal-provi hi konvinta li l-incident sehh kemm fit-18 ta' Jannar 2020 kif ukoll fil-granet ta' qabel li mhux necessarjament iwasslu ghat-3 ta' Jannar 2020, liema data mhix koperta bl-akkuza odjerna. Ghaldaqstant, din il-Qorti ma tqisx l-argument tad-difiza bhala tajjeb u ghalhekk ma hiex qed tilqa' din l-eccezzjoni taghha li dak li hemm ippruvat fl-atti ma jinkwadrax ruhu fl-*avvizo di comparire*[10].**

**Ikkunsidrat:**

Fuq il-materja ta' *ragion fattasi* tal-ligi, ossija l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid is-segwenti:

**FUQ L-UŻU KONTRA L-LIĠI MILL-PRIVAT TAS-SETGĦAT TAL-AWTORITÀ PUBBLIKA.**

*85. (1) Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi*

---

[10] Ara ukoll **Il-Pulizija (Spettur Roderick Agius) vs Aaron Mizzi** (App. Nru. 116/2022) deciza fis-26 ta' Mejju 2022 per Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

*obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur:*

*Iżda, il-qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, minflok il-piena hawn fuq imsemmija, tagħti l-piena tal-multa:*

*Iżda wkoll l-akkużat jista' jiddefendi ruħu billi jagħti prova li tali azzjoni kienet magħmula bħala miżura temporanja meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor:*

*Iżda f'każijiet ta' żgumbramenti arbitrarji jew sfurzati ta' okkupant mill-proprjetà li huwa jokkupa bħala r-residenza primarja tiegħu, inkluż kwalunkwe dħul mhux permess fil-proprjetà, it-tneħħija ta' għamara, apparat domestiku jew affarijiet personali mill-proprjetà, jew is-sospensjoni jew interruzzjoni ta' servizzi tad-dawl utal-ilma, b'kull mod, inkluża l-istallazzjoni ta' apparati li jippermettu lis-sid jissospendi l-provvista diretta tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma lill-proprjetà, il-multa ma għandhiex tkun inqas minn elf u ħames mitt ewro (€1,500) u mhux aktar minn erbat elef ewro (€4,000).*

*(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 377(5) japplikaw f'kull każ ta' sejbien ta' ħtija taħt is-subartikolu (1) u meta l-għemil tal-ħati jkun irriżulta f'illi persuna oħra tbati spoll il-qorti għandha tapplika d-dispożizzjonijiet ta' dak is-subartikolu sabiex tassigura li l-persuna li batiet l-ispoll titqiegħed għal kollox fl-istat ta' qabel ma batiet l-ispoll.*

**Ikkunsidrat:**

Fil-kawza il-**Pulizija vs Salvatore Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Dicembru 1957 mill-mibki Onorevoli Imhallef William Harding inghad:

'***L-elementi kostituttiv tar-reat ta' ezercizju arbitrarju ta' pretensjonijiet (ragio fattasi) huma erbgha u cjoe'***

1. ***Att estern li jispolja lil haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi u li jkun ezegwa kontra l-oppozizzjoni espressa jew prezunta, ta' xi hadd iehor;***
2. ***Il-kredenza li l-att qieghed isir b' esercizzju ta' dritt;***
3. ***Il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di private braccio' dak li jmissu jsir per mezz tal-awtorita' pubblika;***
4. ***Nuqqas ta' titolu, li jirrendi il-fatt aktar gravi.***'

Ikompli jghid il-Harding fl-istess sentenza:

'***Ir-rekwiziti tieghu ma jmorrux aktar 'l hemm minn dawk fuq indikati; pero' hu fatt li min jaghmel att li bih ikun qieghed jiehu l-ligi f'idejh, b'daqshekk ikun qieghed juzurpa f'sens generali funzjoni li tmiss biss lill-awtorita' gudizzjarja.***'

**Ikkunsidrat:**

Jibda biex jinghad li l-imputat meta tkellem mal-pulizija fis-6 ta' Marzu 2020, barra li ikkonferma dak li qalilhom qabel u zied mal-verzjoni originali tieghu, qatt ma cahad li hu ghamel it-toqba fil-hajt tal-gar. Li ghamel biss huwa li beda jinsisti li dak il-hajt tal-garr huwa tieghu!

Dan iwassal lil din il-Qorti biex tichad l-argument tad-difiza fejn tishaq li ma ingabitx prova li huwa ghamel it-toqba fil-hwejjeg tal-imputat. Il-provi cirkostanzjali maghduda man-nuqqas ta' cahda tal-imputat Abdilla

jwasslu lill-Qorti biex taccetta li l-provi tal-prosekuzzjoni ilahhqu dak il-livell ta' prova rikjesta fil-kamp kriminali. Mhux necessarjament li f' kull kaz ikollok *eye witness* tal-event dannuz, pero' meta wiehed ihares lejn l-assjem tal-provi li hemm fl-atti flimkien man-nuqqas ta' cahda ta' Abdilla wiehed ghandu jemmen li kien l-imputat li b'mod konsistenti u repetut fit-18 ta' Jannar 2020 u fil-granet ta' qabel ghamel u fetah dik it-toqba fi hwejjeg tal-vittma.

**Ikkunsidrat:**

Illi ghalkemm il-Qorti tista' tasal biex tghid li dak li ghamel l-imputat jista' jkun li jaqa' taht xi artikolu iehor tal-ligi kriminali, per ezempju hsara volontarja, dan ma jfissirx li l-att li thaffer fi propjeta' ta' haddiehor ma jinkwadrax fir-reat ta' ragion fattasi kif qed tikkontendi id-difiza.

B'dak li ghamel l-imputat effettivament ha f'idejh il-ligi ghax hu qed jippretendi li l-hajt hu tieghu u allura jippretendi li ghandu drittijiet fuqu. Meta ghamel it-toqba b'mod volontarju fixkel il-pusses tal-kcina tal-kwerelant. B'hekk effettivament fixkel lil haddiehor fil-pussess ta' xi haga li kien qed igawdi[11]. Hu irrelevanti jekk dik l-intenzjoni li kellu l-imputat tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew generika ai fini tar-reat ta' *ragion fattasi*.[12] Il-Qorti tosserva li huwa naturali li wiehed ma jhossux komdu li jgawdi hwejjgu meta jaf li minn naha l-ohra hemm xi hadd li b'malizja kriminali haffirlu toqba u b'xi mod jista' jispija fuq dak li qed jigri f'daru! Hu inkoncepibbli kif id-difiza tishaq li ma kienx

[11] Ara **Il-Pulizija vs Jane D' Alfonso** (App. Nru. 30/2014) deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Edwina Grima nhar l-20 ta' Marzu 2019.

[12] Ara f' dan is-sens **Il-Pulizija vs Kisinchand Mohnani** (App. Nru. 121/2017) deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Ottubru 2019 per Onor. Imhallef Edwina Grima.

hemm tfixkil fil-propjeta' meta xi hadd f'nofs il-kcina tieghek mill-propjeta' adjacenti ihaffirlek toqba b'mod repetut fuq medda ta' granet!

**Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-kaz taghha skond il-ligi.**

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 18, 31 u 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **ANTHONY ABDILLA HATI** tal-akkuza migjuba kontra tieghu u qeghda tikkundannah ghall-hlas ta' multa fl-ammont ta' sitt mitt Ewro (€**600)**[13] kif ukoll tordna lill-hati Anthony Abdilla sabiex ai termini tal-Artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaghlaq it-toqba minn naha tal-propjeta' tieghu b'mod permanenti u dan fi zmien erbgha u ghoxrin siegha minn meta din is-sentenza issir res judicata u sabiex fi zmien gimgha jipprezenta nota fl-atti ta' din il-kawza bir-ritratti u provi relattivi li l-imsemmija toqba giet permanentament maghluqa minn naha tal-proprjeta tieghu  u dan taht penali ta' zewg Ewro u tletin centezmu (€2.30) ghal kull jum jew parti minnu illi huwa jibqa' hekk inadempjenti. In oltre ai termini tal-Artikolu 377(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda minn issa tawtorizza lill-Pulizija Ezekuttiva sabiex f'kaz li l-hati jibqa' inadempjenti fit-terminu lilu koncess u jibqa' ma jaghmilx ix-xogholijiet mehtiega sabiex tinghalaq l-imsemmija toqba, ix-xogholijiet mehtiega isiru taht is-supervizjoni tal-Pulizija Ezekuttiva bl-ispejjez relattivi a karigu tal-hati, u fi kwalunkwe kaz, f'kaz li l-hati jibqa' inadempjenti, tali xogholijiet ghandhom isiru taht is-supervizjoni tal-Pulizija Ezekuttiva  hekk kif jiskadi t-terminu ta'

---

[13] Art. 11.(1) Fejn il-liġi ma tgħidx  espressament  xort'oħra,  il-massimu tal-multa huwa elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u l-minimu tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29).

tlett xhur permess mil-ligi taht l-isess Artikolu 377 (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ikunu a karigu tal-hati.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk hu ma jonorax l-istess.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li din is-sentenza tittella' minnufih fuq is-sit online tal-Agenzija tas-Servizzi tal-Qrati.

Moghtija illum 16 ta' Dicembru 2024 fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.
Magistrat

Annalise Mifsud
Deputat Registratur.